# Id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' età hi mifruxa sew mal-Unjoni Ewropea

- **Il-Kummissjoni Ewropea hi determinata li teqred id-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha fl-Ewropa**

**Stħarriġ tal-Ewrobarometru iddikjara li 42% tal-Ewropej jaħsbu li d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' età hi mifruxa sew. Fl-isforz tagħha biex tnaqqas id-diskriminazzjoni fl-Ewropa, il-kampanja tal-Kummissjoni Ewropea li għaddejja bħalissa "Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt." hi mmirata sabiex tqajjem aktar kuxjenza fost l-Ewropej dwar id-drittijiet tagħhom għal trattament ugwali taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE.**

"Id-diskriminazzjoni jista' jkollha effett devastanti fuq l-individwi u tirrappreżenta ħela ta' talent għas-soċjetà," qal il-Kummissarju għall-Opportunitajiet Indaqs Vladimir Špidla. "Iżda t-trattament inugwali bbażat fuq l-età għadu problema sinifikanti fl-UE kollha, kif juri l-istħarriġ tagħna. Issa, aktar minn qatt qabel, jeħtieġ li nużaw ir-riżorsi kollha tagħna biex naffaċċjaw il-kriżi ekonomika u l-impatti tagħha fuq is-soċjetà u l-impjiegi."

## Statistika ewlenija dwar l-età u d-diskriminazzjoni

Skont l-ahhar stħarriġ tal-Ewrobarometru[1] li sar f'Malta, 31% jemmnu li d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' età hi mifruxa sew. Tlieta fil-mija (3%) tal-Maltin hassewhom iddiskriminati minhabba l-eta`. Il-Maltin ihossuhom relattivament komdi b'persuna f'posizzjoni gholja li ghandu taht it-30 sena, pero` huma inqas kuntenti b'mexxej minn 75 sena l-fuq. Disa` u tmenin fil-mija (89%) huma favur li jkunu introdotti mizuri li joffru opportunitajiet indaqs fl-impjiegi ghal dawk li jistghu b'xi mod jew iehor jsofru diskriminazzjoni minhabba l-eta`.

## Il-leġiżlazzjoni Ewropea

L-UE ilha attiva fl-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni. Seħħ avveniment importanti fl-1997 bit-Trattat ta' Amsterdam, meta l-pajjiżi tal-UE taw poteri ġodda lill-UE sabiex din tiġġieled id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentament sesswali. Minn dakinhar, ġiet żviluppata protezzjoni mal-Ewropa kollha kontra d-diskriminazzjoni fix-xogħol u l-impjiegi. Bħalissa fil-Kunsill tal-UE qed jiġu

[1] Stħarriġ Speċjali tal-Ewrobarometru nru 296, Id-Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea: Perċezzjonijiet, Esperjenzi u Attitudnijiet

diskussi regoli ġodda dwar it-trattament ugwali barra mis-suq tax-xogħol, u dawn jeħtieġu l-appoġġ tas-27 pajjiż tal-UE qabel ma jiġu adottati.

## Il-kampanja "Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt."

Il-kampanja ta' informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt." tinforma lin-nies fl-Ewropa dwar id-drittijiet u r-responsabiltajiet tagħhom taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE.

Il-kampanja hi organizzata fis-27 Stat Membru kollha tal-UE biex tqajjem kuxjenza dwar id-diskriminazzjoni u l-leġiżlazzjoni li teżisti biex wieħed jiġġilidha, kif ukoll biex tenfasizza l-benefiċċji tad-diversità fuq il-post tax-xogħol u s-soċjetà in ġenerali. Din għandha l-għan li tiġġieled kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini razzjali jew etniċi ta' persuna fl-oqsma kollha tal-ħajja, u kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol fuq bażi ta' età, diżabilità, orjentament sesswali, reliġjon jew twemmin. Sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-kampanja fuq livell nazzjonali, din qiegħda tkun marbuta ma' avvenimenti rilevanti li jinkludu l-Jiem tax-Xogħol ta' Brussell, Scoolest 2009 fl-Estonja, konferenza ddedikata għall-Jum Ewropew dwar is-Solidarjetà u l-Kooperazzjoni bejn il-Ġenerazzjonijiet fi Bratislava, il-Jum Ġermaniż dwar il-Benesseri u l-Kamp Multikulturali taż-Żgħażagħ f'Ċipru. F'Malta, din is-sena, il-kampanja organizzat bosta avvenimenti li jinkludu kompetizzjoni tal-karikaturi u kompetizzjoni annwali ghall-gurnalisti. F'Ottubru 2009 ser tittella' wirja ta' karikaturi.

Għal aktar informazzjoni, żur: www.stop-discrimination.info